Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Marzu 2024**
**(OR. en)**

**7262/24**

**MAP 7**
**MI 247**
**COMPET 258**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 19 ta' Frar 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 72 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-effetti tad-Direttiva 2014/55/UE fuq is-Suq Intern u fuq l-użu tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 72 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 72 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2024
COM(2024) 72 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-effetti tad-Direttiva 2014/55/UE fuq is-Suq Intern u fuq l-użu tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku**

{SWD(2024) 39 final} - {SWD(2024) 40 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-effetti tad-Direttiva 2014/55/UE fuq is-Suq Intern u fuq l-użu tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku**

## INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport janalizza l-impatt tad-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku fuq is-Suq Intern u fuq l-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Huwa jibni b'mod partikolari fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni")[1].

Id-Direttiva dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku (id-"Direttiva")[2] kellha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern billi tarmonizza r-regoli għall-fatturazzjoni elettronika fis-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll tnaqqas l-ostakli fl-akkwist pubbliku transfruntier ikkawżat minn interoperabbiltà insuffiċjenti fost ir-rekwiżiti u s-sistemi legali nazzjonali tal-e-fatturazzjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva kellha l-għan ukoll li tiżgura adozzjoni armonizzata mifruxa tal-e-fatturazzjoni bl-użu ta' standard komuni, l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, li kien strumentali biex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva.

Il-Kummissjoni wettqet attivitajiet ta' ġbir u konsultazzjoni tad-*data* ma' kategoriji differenti ta' partijiet ikkonċernati. Hija kkummissjonat ukoll studju estern biex tanalizza l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tevalwa l-funzjonament tagħha. Abbażi ta' dawn l-attivitajiet, l-evalwazzjoni tad-Direttiva saret fl-2023. Inġabret u ġiet analizzata *data* minn sorsi sekondarji, inkluża *data* statistika, dokumenti leġiżlattivi, rapporti u studji. Ir-riċerka fuq il-post kienet tinkludi Sejħa għal Evidenza u attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati fil-forom ta' stħarriġ u intervisti ma' gruppi differenti ta' partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali, Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), intrapriżi kbar, fornituri ta' servizzi u soluzzjonijiet tal-e-fatturazzjoni, bejjiegħa tal-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi[3] (ERP) u assoċjazzjonijiet professjonali ewlenin attivi f'dan is-settur, bħal OpenPeppol u l-Assoċjazzjoni tan-Network tal-Iskambju Globali (GENA), dik li qabel kienet l-eks Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizzi ta' e-fatturazzjoni (EESPA). L-istudji tal-każijiet li jkopru l-pajjiżi inklużi fil-kampjun ġew żviluppati u użati wkoll bħala sorsi ta' informazzjoni.

Dan ir-rieżami huwa konformi mal-Artikolu 12 tad-Direttiva li jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina l-impatt tiegħu fuq is-Suq Intern u l-adozzjoni tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku fi żmien 3 snin mill-iskadenza għat-traspożizzjoni tal-awtoritajiet subċentrali, stabbilita f'April 2020.

## IL-KUNTEST U L-ISFOND TAR-RAPPORT

Id-Direttiva hija parti mis-segwitu għall-istrateġija tal-Kummissjoni tal-2012 għall-akkwist

---

[1] SWD(2024)39.

[2] Id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku, ĠU L 133, 6.5.2014. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32014L0055

[3] L-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi huwa software ta' ġestjoni tal-proċess tan-negozju li jippermetti lil organizzazzjoni tuża sistema ta' applikazzjonijiet integrati biex timmaniġġja n-negozju u tawtomatizza ħafna funzjonijiet ta' back-office bħall-akkwist, il-produzzjoni, it-teknoloġija, il-kontabilità u s-servizzi ta' appoġġ, u r-riżorsi umani.

elettroniku[4], li kellha l-għan li timmodernizza l-akkwist pubbliku u trawwem id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fl-UE.

Fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tal-2010[5], il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-potenzjal tal-fatturazzjoni elettronika bħala faċilitatur ewlieni għall-ekonomija diġitali u mezz għall-promozzjoni tas-Suq Uniku Diġitali. Fl-2010, il-politika tal-UE dwar l-e-fatturazzjoni ġiet promossa bil-Komunikazzjoni "Nisfruttaw il-vantaġġi tal-iffatturar elettroniku għall-Ewropa"[6], li kienet favur l-adozzjoni tagħha u l-iżvilupp ta' standard. Madankollu, sentejn wara, ix-xenarju tal-UE ta' e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku ma kienx inbidel b'mod sinifikanti. Għalhekk, f'riżoluzzjoni f'April 2012, il-Parlament Ewropew talab li l-e-fatturazzjoni ssir obbligatorja fl-akkwist pubbliku sal-2016, filwaqt li l-Istati Membri talbu miżuri biex jippromwovu l-e-fatturazzjoni fil-Kunsill tal-Kompetittività Informali ta' Frar 2012 u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012[7].

Dan wassal għal Valutazzjoni tal-Impatt tal-2013, li takkumpanja l-proposta għad-Direttiva, li esplorat l-effetti tal-promozzjoni tal-adozzjoni u l-interoperabbiltà tal-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku. F'dak iż-żmien, l-e-fatturazzjoni kienet tikkostitwixxi 4-15 % tal-proċeduri ta' fatturazzjoni fl-UE u kienet qed tippreżenta sfidi partikolari kemm għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) kif ukoll għall-intrapriżi kbar, minħabba n-nuqqas ta' interoperabbiltà.

L-e-fatturazzjoni fis-settur privat ilha li ġiet implimentata mis-snin tmenin (1980s) permezz tas-sistemi ta' Skambju Elettroniku ta' *Data* (EDI) biex tiġi standardizzata l-komunikazzjoni elettronika bejn is-sħab kummerċjali. L-EDI ntuża primarjament f'industriji bħal dawk tal-karozzi, tal-bejgħ bl-imnut u tal-loġistika. Sa mill-2005, xi Stati Membri bdew jawtorizzaw l-użu ta' formati nazzjonali speċifiċi għall-e-fatturazzjoni u rekwiżiti legali lill-fornituri tas-settur pubbliku. Dawn il-formati ma kinux interoperabbli u ġiegħlu lill-fornituri jikkonformaw ma' regoli differenti meta jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

L-Unjoni Ewropea ilha mill-2007 tappoġġa proġetti li għandhom l-għan li jarmonizzaw il-proċessi tal-akkwist pubbliku inkluża, fost l-oħrajn, l-e-fatturazzjoni. Fl-2008, il-proġett Pan-Ewropew dwar l-Akkwist Pubbliku Online (Peppol) iffinanzjat mill-UE tnieda minn 18-il aġenzija tal-gvern fi 11-il Stat Membru biex jiffaċilita l-akkwist elettroniku bejn il-fruntieri, filwaqt li jibni fuq il-ħidma tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Dan ipprovda sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jiġu implimentati f'soluzzjonijiet eżistenti tal-e-akkwist sabiex isiru interoperabbli, u żviluppa f'network ta' Punti ta' Aċċess għall-iskambju ta' fatturi elettroniċi u dokumenti oħrajn. Fl-2012, l-Assoċjazzjoni OpenPeppol twaqqfet minn grupp ta' Stati Membri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġett. Minn dak iż-żmien 'il hawn, hija rat espansjoni sinifikanti tal-komunità tal-membri tagħha u tan-network tagħha[8].

## IT-TRASPOŻIZZJONI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

Id-Direttiva ġiet adottata f'April 2014, bl-objettiv ġenerali li jittejjeb il-funzjonament tas-Suq

[4] COM/2012/0179 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-akkwist pubbliku. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2012:0179:FIN
[5] COM(2010)245 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Aġenda Diġitali għall-Ewropa, 19.5.2010. https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0245:FIN:MT:PDF
[6] COM (2010) 712, Komunikazzjoni finali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Nisfruttaw il-vantaġġi tal-iffatturar elettroniku għall-Ewropa, 2.12.2010. https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0712:FIN:mt:PDF
[7] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-76-2012-INIT/mt/pdf
[8] https://peppol.org/

Intern billi jitnaqqsu l-ostakli fl-akkwist pubbliku transfruntier ikkawżati minn interoperabbiltà insuffiċjenti fost ir-rekwiżiti u l-istandards legali nazzjonali tal-e-fatturazzjoni.

Minbarra dan l-objettiv ġenerali, id-Direttiva kellha żewġ objettivi speċifiċi: (i) it-tnaqqis tal-kumplessità u t-titjib taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi billi d-ditti jkunu jistgħu jibagħtu fatturi fi standards li kienu familjari magħhom u li kienu jkunu aċċettati b'mod wiesa'; (ii) u t-tnaqqis tal-kostijiet operatorji għall-operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku transfruntier, bħall-kost sabiex jiġu appoġġati standards u sistemi multipli ta' e-fatturazzjoni.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-objettiv operazzjonali tad-Direttiva kien li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku, li kien jiżgura l-interoperabbiltà transfruntiera, sabiex b'hekk il-komunikazzjoni u l-immappjar bejn is-sistemi tal-e-fatturazzjoni kienu jkunu inqas intensivi fir-riżorsi, li jippermettu lix-xerrejja u lill-bejjiegħa jiskambjaw fatturi fl-akkwist pubbliku bl-inqas kost u b'kumplessità minima.

Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva, il-Kummissjoni awtorizzat l-ewwel nett l-iżvilupp ta' standard Ewropew għall-mudell ta' data semantika ta' fattura elettronika, li huwa proprju l-kontenut ta' fattura, il-lista ta' elementi jew termini li jeħtieġ li jiġu inklużi (standard Ewropew għall-e-fatturazzjoni jew standard Ewropew)[9]. It-tieni, hija kienet teħtieġ l-identifikazzjoni ta' għadd limitat ta' sintassi (format jew lingwa) li jikkonformaw mal-istandard Ewropew. Dan l-istandard tfassal ukoll biex jappoġġa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT). Ir-responsabbiltà għall-ħolqien tal-istandard ġiet fdata lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Il-Kummissjoni talbet li s-CEN jabbozza linji gwida dwar l-interoperabbiltà tat-trażmissjoni[10], anki jekk dawk il-linji gwida ma kinux vinkolanti fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. L-istandard huwa akkumpanjat minn sett ta' riżultati tanġibbli anċillari ppubblikati fl-istess ħin mis-CEN.

Sabiex jiġi stimulat l-użu tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku fl-UE, l-Artikolu 7 tad-Direttiva kien jirrikjedi li l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha fl-Ewropa jirċievu u jipproċessaw fatturi elettroniċi maħruġa bħala riżultat tat-twettiq ta' kuntratti li għalihom japplikaw id-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku (id-Direttiva 2009/81/KE[11], id-Direttiva 2014/23/UE[12], id-Direttiva 2014/24/UE[13] u d-Direttiva 2014/25/UE[14]), jekk il-fattura elettronika tkun konformi mal-istandard Ewropew.

Sa April 2019, l-awtoritajiet ċentrali kellhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, u l-awtoritajiet subċentrali kellhom sa April 2020 f'dawk l-Istati Membri li għażlu l-estensjoni ta' sena għall-awtoritajiet kontraenti subċentrali fil-liġi nazzjonali ta' traspożizzjoni

---

[9] L-istandard Ewropew dwar l-e-fatturazzjoni ġie żviluppat mis-CEN u ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea,
Dan jiddefinixxi t-termini ewlenin tan-negozju ta' fattura elettronika f'mudell ta' *data* semantika. https://ec.europa.eu/digital-building-blocks/wikis/display/DIGITAL/Compliance+with+eInvoicing+standard

[10] L-istandard Ewropew dwar l-e-fatturazzjoni jindirizza l-kwistjoni tat-trażmissjoni tal-e-fatturi b'rapport ta' linji gwida. Il-linji gwida jappoġġaw lill-implimentaturi fl-għażla u t-tfassil ta' soluzzjonijiet ta' trażmissjoni. https://ec.europa.eu/digital-building-blocks/wikis/display/DIGITAL/Navigating+the+eInvoicing+standard+documentation

[11] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76–136.

[12] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewpopew u l-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1–64.

[13] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014.

[14] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243–374.

tagħhom.

Sa Lulju 2023, sar progress sinifikanti fl-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni fl-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri kollha ttrasponew id-Direttiva f'liġijiet nazzjonali. 17 minn 27 Stat Membru implimentaw leġiżlazzjoni li tagħmilha obbligatorja għall-fornituri li joħorġu e-fatturi lis-settur pubbliku, kompletament fi 13 minnhom u parzjalment biss f'erba' Stati Membri. Uħud minn dawn imponew l-obbligu fuq il-fornituri preċiżament fiż-żmien tat-traspożizzjoni tad-Direttiva. Barra minn hekk, disa' Stati Membri estendew l-e-fatturazzjoni għal kuntratti tal-akkwist pubbliku taħt il-limiti tal-UE.

## L-EVOLUZZJONI KURRENTI TAL-E-FATTURAZZJONI

Il-ħolqien ta' inizjattivi ta' politika ġodda tal-UE, b'mod partikolari l-proposti leġiżlattivi "Il-VAT fl-era diġitali" (ViDA)[15], se jsawwar mill-ġdid ix-xenarju Ewropew tal-e-fatturazzjoni fis-snin li ġejjin. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' proposti biex timmodernizza u ssaħħaħ is-sistema tal-VAT tal-UE. Din ir-riforma għandha l-għan li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-politika tal-UE biex tkopri t-tranżazzjonijiet minn negozju għal negozju (B2B) permezz tal-implimentazzjoni ta' rapportar diġitali "qrib il-ħin reali" għall-VAT fuq it-tranżazzjonijiet transfruntieri tal-UE abbażi tal-e-fatturazzjoni u li tagħmel l-e-fatturazzjoni tas-sistema prestabbilita għall-ħruġ tal-fatturi sa Jannar 2028. Barra minn hekk, l-inizjattiva ViDA ssaħħaħ is-Suq Intern minħabba li tiżgura allinjament akbar fost is-sistemi nazzjonali madwar l-UE: l-aċċettazzjoni tal-istandard Ewropew ikollha tiġi ggarantita fis-sistemi nazzjonali kollha tal-e-fatturazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, ViDA tippreżenta opportunità biex titrawwem l-integrazzjoni diġitali fost in-negozji fis-Suq Uniku Diġitali, biex tissaħħaħ l-istandardizzazzjoni tal-e-fatturazzjoni u biex tiġi stimulata l-innovazzjoni.

Evoluzzjoni importanti oħra tal-e-fatturazzjoni hija marbuta mal-influwenza dejjem akbar tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni fil-livell internazzjonali. Sabiex titrawwem il-kompetittività tan-negozji Ewropej u tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja globali fl-istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni qed tippromwovi b'mod attiv il-mudell tal-UE bbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-Istandard Ewropew u tal-Peppol. Bħalissa, pajjiżi terzi, bħall-Awstralja, il-Ġappun, il-Malażja, New Zealand u Singapore, ibbażaw l-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali tal-e-fatturazzjoni tagħhom fuq l-istandard Ewropew bħala estensjonijiet u huma interessati b'mod attiv fil-Mudell tal-Fattura Internazzjonali tal-Peppol (PINT)[16], li ilu jopera minn Lulju 2023, li jiġġeneralizza l-istandard Ewropew b'mod sistematiku, filwaqt li jiffaċilita l-iskambju interoperabbli tal-fatturi madwar in-Network Peppol internazzjonalment. Pajjiżi u reġjuni oħrajn għandhom il-PINT bħala referenza, u jadattawh għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Il-kooperazzjoni fuq l-e-fatturazzjoni mal-pajjiżi sħab tal-UE toffri l-opportunità li jiġu massimizzati l-investimenti u l-implimentazzjonijiet diġà mwettqa minn kumpaniji tal-UE u li jiġu minimizzati l-kostijiet kummerċjali billi titrawwem l-interoperabbiltà tal-e-fatturazzjoni bejn ir-reġjuni.

Fl-aħħar nett, it-teknoloġiji emerġenti u l-approċċi innovattivi qed isawru l-futur tal-e-fatturazzjoni. Għal Ewropa aktar ekoloġika, ir-rapportar dwar l-emissjonijiet jista' jsir aktar preċiż, bl-emissjonijiet ikkalkolati u ddivulgati fil-livell tal-partita fil-fatturi elettroniċi, li jsaħħaħ ir-responsabbiltà ambjentali. Għall-finijiet ta' taxxa, id-dikjarazzjonijiet tal-VAT Diġitali mimlija minn qabel bl-użu tad-*data* mill-e-fatturi jissimplifikaw il-konformità għan-

[15] https://taxation-customs.ec.europa.eu/taxation-1/value-added-tax-vat/vat-digital-age_en

[16] PINT huwa l-ispeċifikazzjoni li timplimenta l-fatturazzjoni tal-Peppol BIS għall-użu fl-Ewropa. Dan jiddeskrivi l-użu tal-messaġġi tal-fattura u tan-nota ta' kreditu fil-Peppol, u jiffaċilita implimentazzjoni effiċjenti u użu akbar ta' kollaborazzjoni elettronika. https://test-docs.peppol.eu/pint/pint-eu/pint-eu/bis/

negozji. Il-kalkoli tat-taxxa ta' previżjoni, xprunati minn Intelliġenza Artifiċjali (IA), jistgħu jippermettu previżjonijiet tal-ammonti ta' taxxa għan-negozji u għall-individwi. Il-ġlieda kontra l-frodi tuża analiżi semantika xprunata mill-IA, apprendiment awtomatiku u estrazzjoni tad-*data* minn fatturi elettroniċi strutturati biex ittejjeb il-monitoraġġ u l-preċiżjoni. L-Ekonomija f'Ħin Reali għandha l-għan li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali u, għal dan il-għan, id-*data* minn fatturi elettroniċi tista' tintuża bħala l-aktar sett ta' *data* akkurat rigward tranżazzjoni kummerċjali, u b'hekk tnaqqas il-piżijiet amministrattivi. Barra minn hekk, il-finanzjament tal-fattura ffaċilitat mill-blockchain, bil-ħolqien ta' marka tas-swaba' diġitali unika għal kull fattura, jindirizza r-riskju ta' finanzjament ta' fatturi duplikati bejn il-fruntieri. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-avvanzi jsawru mill-ġdid l-e-fatturazzjoni u l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom id-dmir li jingħaqdu madwar l-objettiv komuni li joħolqu l-aktar kundizzjonijiet favorevoli sabiex din l-innovazzjoni tiżviluppa fl-UE.

## SEJBIET EWLENIN MILL-ANALIŻI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR L-E-FATTURAZZJONI

Ir-rapport kurrenti, kif meħtieġ mill-Artikolu 12 tad-Direttiva, jirrieżamina l-impatt tad-Direttiva fuq is-Suq Intern, u jeżamina l-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni fl-Ewropa, billi jibda mis-sejbiet tal-eżerċizzju ta' Evalwazzjoni tal-2023. Sabiex jiġu vvalutati l-prestazzjoni u l-impatt, l-analiżi ffokat fuq l-implimentazzjoni u l-kisbiet tad-Direttiva bejn l-2014 u l-2022, b'ħarsa aktar mill-qrib lejn il-perjodu wara t-traspożizzjoni għall-awtoritajiet ċentrali f'April 2019, bl-għarfien li l-iskadenza finali għall-implimentazzjoni għall-awtoritajiet subċentrali kienet April 2020.

Is-sejbiet u l-konklużjonijiet huma bbażati fuq l-eżiti tal-evalwazzjoni tad-Direttiva mill-Kummissjoni li saret fl-2023 qabel ir-Rapport. F'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, din l-evalwazzjoni eżaminat il-prestazzjoni tad-Direttiva skont ħames kriterji ta' evalwazzjoni: ir-relevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Hija ħarset lejn: L-isfidi għall-Markatur Intern għall-e-fatturazzjoni, l-impatt tad-Direttiva fuq is-Suq Intern u l-użu, kif ukoll fuq il-kategoriji ewlenin tal-partijiet ikkonċernati, il-valur miżjud tad-Direttiva u l-koerenza tal-politika tal-UE dwar l-e-fatturazzjoni ma' politiki oħrajn tal-UE.

### Sfidi għas-Suq Intern: fil-passat u fil-preżent

Id-Direttiva għadha rilevanti llum minħabba li l-isfidi li wasslu għall-adozzjoni tagħha fl-2014 għadhom qed jippersistu u għadhom joħolqu ostakli għall-funzjonament tas-Suq Intern. Barra minn hekk, tfaċċaw sfidi u żviluppi ġodda mill-adozzjoni tagħha, li wasslu għall-opinjoni pożittiva komuni kurrenti fost l-awtoritajiet nazzjonali minn 18 minn 27 Stat Membru dwar ir-rilevanza kontinwa tad-Direttiva[17].

L-isfidi li ġew identifikati fl-2014 għadhom rilevanti llum: dawn jirrigwardjaw il-livell ta' adozzjoni tal-e-fatturazzjoni fl-Ewropa u l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT għall-fatturazzjoni elettronika. Fir-rigward tal-użu tal-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku, ta' min jinnota li, filwaqt li l-kapaċitajiet sabiex jiġu riċevuti l-fatturi elettroniċi huma sa ċertu punt preżenti, l-adozzjoni sinifikanti hija prinċipalment osservata, l-ewwel nett, f'pajjiżi li talbu lill-fornituri jibagħtu biss fatturi elettroniċi lill-awtoritajiet pubbliċi u, it-tieni, fi Stati Membri diġitalment maturi. B'mod partikolari, 17-il Stat Membru, li introduċew obbligi tal-fornituri kompletament

[17] Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-Awtoritajiet Nazzjonali li sar waqt l-Istudju li jipprepara l-Evalwazzjoni, ara SWD(2024)39.

(13-il Stat Membru) jew parzjalment (erba’ Stati Membri), jirrapportaw jew l-użu 100 % tal-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku jew l-aspettattiva li tintlaħaq din il-mira sal-aħħar tas-sena jew sal-2024. Bil-maqlub, fi Stati Membri oħrajn, l-użu għandu t-tendenza li jkun baxx, ħlief għal pajjiżi diġitalment avvanzati, bħall-Estonja, il-Finlandja u l-Iżvezja. Dawn il-pajjiżi, mgħammra b’leġiżlazzjoni u kapaċitajiet avvanzati tal-e-fatturazzjoni, juru livelli ogħla ta’ adozzjoni. L-użu għandu wkoll it-tendenza li jkun għoli fix-xenarju fejn, anki jekk ma jkunx awtorizzat bil-liġi, ikun hemm permess amministrattiv għall-awtoritajiet pubbliċi biex jirrikjedu l-e-fatturazzjoni fl-offerti, li essenzjalment jikkostitwixxi “mandat bil-prattika”.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-użu tal-e-fatturazzjoni mhux neċessarjament jallinja mal-użu tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni. Xi Stati Membri żguraw l-użu tal-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku billi imponew obbligi fuq il-fornituri, mingħajr ma fl-istess ħin kienu jeħtieġu l-użu tal-istandard Ewropew. Konsegwentement, l-adozzjoni tal-Istandard Ewropew tibqa’ aktar baxxa, minħabba li tiddependi fuq l-għażla volontarja tal-fornituri. Fl-Istati Membri li kellhom sistemi li kienu jeżistu minn qabel l-adozzjoni tal-istandard Ewropew, l-użu tal-istandard nazzjonali għandu t-tendenza li jipprevali.

F’dan il-kuntest, sabiex jiġi kkonsolidat is-Suq Intern għall-e-fatturazzjoni, ikun utli li jiġi massimizzat l-użu tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għall-kumpaniji. L-adozzjoni ta’ standard uniku tal-e-fatturazzjoni madwar l-Istati Membri kollha tissimplifika l-proċessi u l-proċeduri tal-fatturazzjoni fl-Ewropa, filwaqt li tissimplifika l-fatturazzjoni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-sħab kummerċjali tagħhom. Din is-simplifikazzjoni se tiġi appoġġata aktar bl-applikazzjoni tal-istess standard għar-rapportar tal-VAT, kif previst minn ViDA. Fl-aħħar mill-aħħar, l-użu tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni mhux biss jiffaċilita l-konsolidazzjoni tas-Suq Intern għall-e-fatturazzjoni, iżda jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-kostijiet assoċjati mat-tranżazzjonijiet transfruntiera għall-operaturi ekonomiċi.

It-tieni, l-isfida tal-interoperabbiltà tippersisti, minħabba li mhux l-erba’ livelli kollha ta’ interoperabbiltà, kif definiti mill-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, inklużi t-trażmissjoni u l-governanza, ġew indirizzati mid-Direttiva. Filwaqt li l-interoperabbiltà fil-livell semantiku u tas-sintassi ġiet identifikata bħala sfida li għandha tiġi indirizzata fil-politika tal-UE diġà fl-2014 u ġiet indirizzata mill-ħolqien ta’ standard Ewropew tal-e-fatturazzjoni fl-2017, it-trażmissjoni ħarġet bħala waħda mill-isfidi ewlenin matul l-implimentazzjoni tal-e-fatturazzjoni. Is-CEN ħareġ biss rakkomandazzjonijiet dwar it-trażmissjoni, li ma humiex vinkolanti, flimkien mal-istandard Ewropew, kif imsemmi fil-premessi tad-Direttiva. Madankollu, din is-sitwazzjoni tista’ tevolvi fid-dawl tal-iżviluppi l-ġodda tal-politika tal-UE dwar l-e-fatturazzjoni relatati mal-proposti leġiżlattivi ta’ ViDA.

Bħalissa, fir-rigward tal-interoperabbiltà fil-B2B, in-negozji u, b’mod partikolari, in-negozji ż-żgħar, huma mġiegħla jużaw in-networks speċifiċi tal-e-fatturazzjoni tal-klijenti l-kbar tagħhom. Dawn in-networks huma networks magħluqa u ma jinteroperawx ma’ xulxin. Dan għandu konsegwenzi negattivi għall-kumpaniji ż-żgħar li ma jistgħux jużaw fornitur uniku tal-e-fatturazzjoni biex jiskambjaw fatturi mas-sħab kummerċjali tagħhom, f’pajjiżhom stess u, barra minn hekk, fil-livell tal-UE. Jekk jiġu miftiehma metodi u protokolli komuni ta’ trażmissjoni bejn il-partijiet (jew awtorizzati bil-liġi), din il-kwistjoni tista’ tingħeleb faċilment. Barra minn hekk, jekk fil-livell nazzjonali tkun ġiet stabbilita pjattaforma għall-B2G, dan ikun ifisser li kumpanija jkollha tuża sistema oħra biex tibgħat e-fatturi lis-settur pubbliku.

Għall-fornituri tas-servizzi u tas-soluzzjonijiet, li joffru servizzi pan-Ewropej għall-e-fatturazzjoni bbażati fuq standard komuni, l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni ħoloq

opportunitajiet biex tintlaħaq bażi ta' klijenti mal-UE kollha. Madankollu, meta jiġu imposti fuqhom rekwiżiti speċifiċi għall-pajjiż, bħar-reġistrazzjoni ta' numru tal-VAT, jew skemi ta' ċertifikazzjoni stretti, li jiġġeneraw kostijiet għoljin ta' investiment, il-benefiċċji tagħhom jitnaqqsu. Din l-isfida teżisti kemm fil-Greċja kif ukoll fi Franza[18]. Barra minn hekk, għadd dejjem akbar ta' Stati Membri qed jippjanaw li jintroduċu sistemi nazzjonali ta' ċertifikazzjoni għal servizzi u soluzzjonijiet tal-e-fatturazzjoni li se joħolqu ostakli ġodda għas-Suq Intern. B'mod parallel, l-użu tal-firem elettroniċi biex jiggarantixxu l-awtentiċità u l-integrità tal-e-fatturi, li kien impost minn xi Stati Membri, jikkostitwixxi sfida oħra għall-e-fatturazzjoni transfruntiera. Kif ġie pprovat minn sistemi li ma jużawx dan il-metodu ta' awtentikazzjoni, l-użu ta' tali rekwiżit ma weriex li huwa meħtieġ fil-prattika.

Minn meta ġiet adottata d-Direttiva seħħew żviluppi ġodda. B'mod partikolari, il-proposti leġiżlattivi ta' ViDA (Il-VAT fl-Era Diġitali), meta jiġu adottati, se jimponu li, minn Jannar 2028, l-e-fatturazzjoni ssir il-metodu prestabbilit għall-ħruġ tal-fatturi. Dan ifisser li l-e-fatturi jridu jinħarġu, jiġu trażmessi u riċevuti f'format elettroniku strutturat, li jippermetti l-ipproċessar awtomatiku u elettroniku. L-Istati Membri jkollhom l-għażla li jawtorizzaw l-e-fatturazzjoni mingħajr ma jitolbu derogi. Barra minn hekk, l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni jkun aċċettat b'mod wiesa' madwar l-Istati Membri kollha, li jippermetti t-trażmissjoni bla xkiel tal-e-fatturi għat-tranżazzjonijiet minn negozju għal negozju (B2B) jew direttament bejn il-partijiet kummerċjali jew permezz ta' portali pubbliċi stabbiliti mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, diversi Stati Membri bħalissa qed iħejju leġiżlazzjoni ġdida biex jawtorizzaw l-e-fatturazzjoni fit-tranżazzjonijiet B2B, abbażi ta' deroga mid-Direttiva dwar il-VAT, f'konformità mal-Artikolu 395 ta' dik id-Direttiva. Xi drabi, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-politiki jista' jestendi wkoll għall-B2C u, f'dak ir-rigward, għandu jiġi nnotat li hemm xogħol ta' standardizzazzjoni kurrenti fis-CEN: is-CEN TC434 bħalissa qed jiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irċevuti elettroniċi. F'dan il-kuntest, l-allinjament bejn l-istrutturi u s-sistemi tal-e-fatturazzjoni B2G, B2B u B2C jevita kumplessità teknika eċċessiva u inċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, f'pajjiżhom stess jew meta jinvolvu ruħhom f'kummerċ transfruntier fl-UE.

Fl-aħħar nett, is-sigurtà u l-privatezza tad-*data* ħarġu bħala sfidi matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni tal-evalwazzjoni. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, il-ftehimiet bejn il-fornituri tas-servizzi u tas-soluzzjonijiet ġeneralment jinkludu klawżola li tirrikjedi s-salvagwardja tad-*data* tal-klijenti u tipprojbixxi l-użu tagħha għal kwalunkwe ħaġa oħra għajr dak li huwa espliċitament meħtieġ u miftiehem. Madankollu, l-użu tagħha ma huwiex sistematiku.

Fil-qosor, id-Direttiva tibqa' rilevanti biex tindirizza l-isfidi identifikati fl-2014, li għadhom jippersistu. Madankollu, l-aħħar żviluppi tal-e-fatturazzjoni ħolqu sfidi ġodda li għandhom jiġu indirizzati fid-dawl tal-effiċjenza u l-armonizzazzjoni mtejba tar-regoli dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-UE.

### L-impatt tad-Direttiva fuq is-Suq Intern, l-użu tal-e-fatturazzjoni u l-partijiet ikkonċernati

L-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-adozzjoni tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni kkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà tal-fatturazzjoni

[18] SWD(2024)39.

elettronika fl-Ewropa u għall-użu tagħha, kif spjegat hawn taħt. Madankollu, id-Direttiva kienet parzjalment effettiva biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Iż-żewġ objettivi diretti tagħha huma (i) it-tneħħija tal-ostakli tas-suq u tal-ostakli għall-kummerċ li jirriżultaw mill-eżistenza ta' regoli u standards nazzjonali differenti u (ii) l-iżgurar tal-interoperabbiltà. L-adozzjoni tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni kienet element ewlieni sabiex jintlaħqu dawn iż-żewġ objettivi.

Fir-rigward tal-ewwel objettiv, l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-istandards tal-e-fatturazzjoni fl-Ewropa nkisbet sa ċertu punt billi ġie stabbilit standard Ewropew għall-e-fatturazzjoni żviluppat mis-CEN u approvat mill-Kummissjoni[19] f'Ottubru 2017, u billi nħolqu l-kundizzjonijiet għal Suq Intern fl-akkwist pubbliku. L-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni jinkludi żewġ livelli ta' interoperabbiltà, semantiku u tas-sintassi, li ġew identifikati bħala sfidi għall-interoperabbiltà intra-UE fl-2014.

Fir-rigward tat-tieni objettiv, id-Direttiva imponiet obbligu fuq l-Istati Membri u l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom billi talbet lis-settur pubbliku fl-UE jaċċetta u jipproċessa l-e-fatturi maħruġa għal kuntratti skont id-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku, jekk dawn ikunu konformi mal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv u, b'hekk, tiġi żgurata l-interoperabbiltà, id-Direttiva talbet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sistemi għall-e-fatturazzjoni min-Negozji għall-Gvern (B2G) li jinkorporaw l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni jew jadattaw is-sistemi eżistenti tagħhom biex jaċċettaw fatturi elettroniċi konformi mal-istandard. Għal-livell ċentrali, il-kapaċitajiet huma fis-seħħ f'25 Stat Membru u żewġ Stati Membri, Ċipru u s-Slovakkja, għadhom qed jiżviluppaw il-pjattaformi ċentrali nazzjonali tagħhom. Għal-livell subċentrali, f'dan l-istadju ma huwiex possibbli li tiġi vverifikata bis-sħiħ l-implimentazzjoni tad-Direttiva, minħabba li ftit Stati Membri biss ħolqu mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-e-fatturazzjoni fil-pajjiżi tagħhom. Tipikament, dawn huma Stati Membri li awtorizzaw lill-fornituri tagħhom biex jibagħtu e-fatturi lis-settur pubbliku u jkollhom għodod ta' monitoraġġ ċentrali fis-seħħ, bħal Franza, l-Italja u Spanja.

Wieħed mill-impatti mistennija tad-Direttiva fuq is-Suq Intern kien li tiżdied l-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni b'mod armonizzat fl-UE kollha. Għall-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni b'mod ġenerali, il-perċentwal ta' intrapriżi tal-UE li jibagħtu e-fatturi (b'mod ġenerali, mhux esklussivament fil-B2G) żdied minn madwar 10,3 % fl-2013 għal 32,2 % fl-2020, abbażi ta' stħarriġ tal-Eurostat tal-kumpaniji b'aktar minn għaxar impjegati. Għalkemm l-analiżi ffaċċjat limitazzjonijiet f'termini tad-disponibbiltà u l-konsistenza tad-data minħabba li ma hemm l-ebda obbligu ta' rapportar għall-Istati Membri applikabbli skont id-Direttiva, id-data mill-Eurostat[20], ir-riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni u l-intervisti mal-partijiet ikkonċernati kkumpensaw għan-nuqqasijiet[21].

Għall-użu fl-akkwist pubbliku, l-analiżi żvelat li l-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni tal-B2G żdiedet prinċipalment fl-Istati Membri li introduċew l-obbligu tal-fornituri li jibagħtu e-fatturi lis-settur pubbliku, u dan juri li l-adozzjoni volontarja mis-settur privat tista' tkun ta' sfida. Fi Franza, pereżempju, fejn ġie introdott obbligu gradwalment bejn l-2017 u l-2020, fl-2013 waslu 34 000 fattura elettronika meta mqabbla ma' 4,3 miljuni fl-2022 mill-awtoritajiet nazzjonali u 66,74 miljun mill-awtoritajiet subċentrali; fi Spanja, fejn l-obbligu ġie introdott fl-2015, id-*data* miġbura mill-pjattaforma nazzjonali wriet żieda minn 884 000 e-fattura fl-2014 għal 9,5 miljuni

[19] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1870 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika u l-lista tas-sintassijiet tiegħu skont id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), C/2017/6835, ĠU L 266, 17.10.2017, p. 19–21.

[20] Id-*data* rrappreżentata f'din it-taqsima hija elaborazzjoni tas-settijiet tad-*data* tal-Eurostat li ġejjin: ISOC_EB_ICS.

[21] SWD(2024)39.

fl-2017 u 15,9-il miljun fl-2022 – id-*data* tirreferi biss għal-livell ċentrali. L-awtorizzazzjoni tal-e-fatturazzjoni, li hija l-obbligu għall-fornituri fil-B2G (biss) li jibagħtu esklussivament fatturi elettroniċi lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, uriet li għandha effett fuq ir-rata ġenerali tal-adozzjoni, inkluża l-B2B, hekk kif id-*data* tal-Eurostat turi li l-għadd ta' intrapriżi li jużaw l-e-fatturazzjoni fl-Italja, is-Slovenja u Spanja żdied b'mod sinifikanti f'korrelazzjoni maż-żmien li l-obbligi daħlu fis-seħħ f'kull pajjiż, rispettivament fl-2014 u fl-2015, kif rifless fiċ-ċifri tal-Eurostat tal-2016.

Fin-nuqqas ta' mandat biex jintbagħtu fatturi elettroniċi (f'B2G jew B2B), il-livell ta' adozzjoni żdied bil-mod. Skont il-konsultazzjoni mmirata mal-SMEs, l-aktar miżura effiċjenti biex tiżdied l-adozzjoni min-negozji li diġà qed jużaw l-ERP u s-software tal-kontabbiltà hija li jiġi żgurat li dawn is-soluzzjonijiet jinkludu wkoll funzjonalità ta' e-fatturazzjoni. Dan ifisser li jistgħu jiġu permessi immedjatament li jibagħtu u jirċievu e-fatturi mis-sistema eżistenti tagħhom mingħajr ma jkollhom bżonn idaħħlu d-*data* b'mod manwali, filwaqt li jiżguraw l-awtomatizzazzjoni. Dan diġà ġie ssuġġerit mill-SMEs fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2013[22] tad-Direttiva, li turi li dan huwa fattur kritiku għall-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni mill-SMEs. Din hija l-politika magħżula mid-Danimarka, pereżempju, bl-Att reċenti tagħhom dwar iż-Żamma tal-Kotba[23].

Għall-objettivi sottostanti tad-Direttiva stabbiliti fil-premessi tagħha u fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2013, dawn ġew issodisfati parzjalment. Id-Direttiva kellha l-għan li trawwem is-Suq Intern billi tindirizza l-interoperabbiltà, iżżid iċ-ċertezza legali, tnaqqas il-kumplessità legali u tbaxxi l-kostijiet għall-operaturi ekonomiċi. Dan kien ikkomplementat minn objettiv operazzjonali: il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

Id-Direttiva ffokat primarjament fuq l-indirizzar tal-isfidi tal-interoperabbiltà relatati mal-livell semantiku u tas-sintassi, iżda ma indirizzatx l-erba' saffi kollha tal-interoperabbiltà, inklużi t-trażmissjoni u l-governanza. L-iżvilupp tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni indirizza b'mod effettiv is-saffi tal-interoperabbiltà semantika u tas-sintassi. Evidenza ta' dan hija li, mill-pubblikazzjoni tal-istandard Ewropew f'Ottubru 2017, id-Direttiva rawmet is-Suq Intern billi ppreveniet l-introduzzjoni ta' formati nazzjonali ġodda ta' e-fatturazzjoni għas-settur pubbliku (B2G), u b'hekk evitat aktar frammentazzjoni. Tliet Stati Membri - l-Estonja, il-Finlandja u l-Iżvezja, kienu qed jissostitwixxu l-istandard nazzjonali tagħhom gradwalment bl-Istandard Ewropew. Stati Membri oħrajn, li awtorizzaw l-użu ta' standard nazzjonali qabel l-introduzzjoni tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, sempliċiment jippermettu l-użu tal-Istandard Ewropew. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li, filwaqt li t-trażmissjoni u l-governanza ma ġewx indirizzati mid-Direttiva, fil-prattika, l-interoperabbiltà bejn il-fruntieri ġiet żgurata bl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-Peppol fi 23 Stat Membru. Id-Direttiva rawmet is-Suq Intern billi żiedet iċ-ċertezza legali u naqqset il-kumplessità teknika għall-e-fatturazzjoni: hija stabbiliet bażi ġuridika ċara u stabbiliet l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni bħala l-istandard komuni li għandu jiġi appoġġat mis-settur pubbliku kollu tal-UE. Erbatax-il Stat Membru mill-21 li wieġbu għall-istħarriġ immirat irrapportaw li l-intervent kellu impatt pożittiv fuq iż-żieda taċ-ċertezza legali u t-tnaqqis tal-kumplessità teknika[24]. Madwar 80 % tal-SMEs fl-istħarriġ immirat ipperċipew li r-rekwiżiti legali nazzjonali għall-e-fatturazzjoni

[22] SWD(2013) 222 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta tad-dokument għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku, 26.6.2013. https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2013:0222:FIN:EN:PDF

[23] Abbozz ta' Liġi dwar l-Att Daniż dwar iż-Żamma tal-Kotba(danishbusinessauthority.dk)
Il-parlament Daniż għadda l-Att dwar iż-Żamma tal-Kotba fid-19 ta' Mejju 2022, inizjalment iddikjarat li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022. L-Att jawtorizza lill-kumpaniji kollha ta' kull daqs biex joħorġu, jirċievu, jipproċessaw u jarkivjaw il-fatturi b'mod elettroniku.

[24] SWD(2024)39.

huma ċari u aċċessibbli u dawn ir-rekwiżiti huma prinċipalment ir-riżultat tat-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali.

Id-Direttiva, fl-Artikolu 2 tagħha, stabbiliet id-definizzjoni ta' fattura elettronika li żgurat iċ-ċarezza legali: "fattura elettronika" tfisser fattura li tkun inħarġet, ġiet trażmessa u riċevuta f'format elettroniku strutturat li jippermetti l-ipproċessar awtomatiku u elettroniku tagħha". Huma koperti biss fatturi strutturati adattati għall-awtomatizzazzjoni. Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għall-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, inklużi n-newtralità teknoloġika, il-kompatibbiltà mal-istandards internazzjonali, l-adegwatezza għat-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi u l-appoġġ għall-ħtiġijiet tal-SMEs, il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2006/112/KE[25], eċċ.

Barra minn hekk, billi indirizzat l-interoperabbiltà fil-livell semantiku u tas-sintassi mal-istandard Ewropew, id-Direttiva kkontribwiet aktar għat-tnaqqis tal-kumplessità teknika. Dan huwa partikolarment minnu għall-akkwist pubbliku, fejn il-fornituri għandhom l-opportunità li jużaw l-istess standard għall-e-fatturazzjoni għall-proċeduri kollha tal-akkwist pubbliku tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkwist pubbliku tal-UE f'pajjiżhom stess u l-aktar importanti fil-pajjiżi l-oħrajn kollha tal-UE.

Il-maġġoranza (66 %) tal-SMEs mistħarrġa fil-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati għall-evalwazzjoni jqisu l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni bħala mezz ta' simplifikazzjoni sinifikanti tal-kummerċ intra-UE. Fil-Finlandja, il-kumplessità teknika hija kkumpensata minn awtomatizzazzjoni mtejba u kwalità ogħla tad-*data* pprovduta mill-użu tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni li ssostitwixxa l-format nazzjonali tal-e-fatturazzjoni. Madankollu, fir-rigward tal-kumplessità teknika, 41 % tal-SMEs mistħarrġa għadhom qed jesperjenzaw sfidi tekniċi meta jużaw l-e-fatturazzjoni, filwaqt li l-oħrajn jiddikjaraw li ma jiffaċċjawx sfidi. Dawn l-isfidi jinkludu: L-appoġġ għal diversi formati tal-e-fatturazzjoni, l-arkivjar għal finijiet ta' awditjar, l-integrazzjoni mal-fornituri tas-servizzi, it-tħassib dwar is-sigurtà u l-privatezza tad-*data*, l-interoperabbiltà mas-sħab kummerċjali, l-infrastruttura u l-konnettività.

Id-Direttiva ffokat fuq l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' interoperabbiltà u l-għoti tal-kundizzjonijiet għall-użu mifrux ta' e-fatturazzjoni konformi mal-istandard Ewropew, iżda ma kinitx tirrikjedi l-użu tagħha mill-fornituri. B'riżultat ta' dan, l-intrapriżi jridu jappoġġaw diversi formati ta' e-fatturazzjoni fl-Istati Membri fejn huwa meħtieġ standard nazzjonali għat-tranżazzjonijiet B2G, filwaqt li jużaw formati oħrajn għat-tranżazzjonijiet B2B. Is-settur pubbliku essenzjalment jaġixxi bħala xerrej kbir, filwaqt li jimponi r-rekwiżiti tiegħu fuq il-fornituri.

Għall-objettiv speċifiku li jitnaqqsu l-kostijiet operatorji għall-operaturi ekonomiċi, l-evalwazzjoni kkonkludiet li dan jiddependi prinċipalment fuq l-użu tal-e-fatturazzjoni u l-adozzjoni bil-massa tagħha f'żewġ dimensjonijiet: l-ewwel nett, fir-rigward tal-prezzijiet tas-servizzi tal-e-fatturazzjoni u t-tieni, fir-rigward tal-effetti tan-network, bħala l-possibbiltà li jsir użu minn dawn is-servizzi mas-sħab kummerċjali kollha u għal ħafna applikazzjonijiet oħrajn tal-e-fatturazzjoni. Minn naħa waħda, b'mod ġenerali, il-kumpaniji għandhom jiksbu servizzi jew software ta' e-fatturazzjoni, u l-prezzijiet għas-servizzi ta' e-fatturazzjoni għadhom relattivament għoljin. Ir-riżultati mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati lejn l-SMEs juru li l-ipprezzar għal kull tranżazzjoni ta' e-fattura jvarja minn EUR 0,05 (meta tariffa ta' twaqqif ta' EUR 2 500 kienet parti mill-pakkett) għal EUR 0,30 (meta tariffa annwali ta' EUR 550

[25] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, 11.12.2006.

kienet parti mill-pakkett). Madankollu, ta' min jinnota li hemm differenza konsiderevoli fil-mudelli tal-ipprezzar jew fl-SMEs, b'mod partikolari għal dawk b'mudelli ta' fatturazzjoni baxxi ħafna – f'xi każijiet eċċezzjonali, il-prezz għal kull e-fattura jista' jkun sa EUR 10. Il-kostijiet operatorji għall-operaturi ekonomiċi jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet u servizzi kosteffettivi. Dawn huma influwenzati mill-għadd ta' tranżazzjonijiet ta' e-fatturazzjoni, il-formati appoġġati, il-protokolli tat-trażmissjoni, l-għadd ta' pajjiżi li fihom joperaw in-negozji hekk kif huwa meħtieġ appoġġ speċjalizzat f'kull Stat Membru li jkun iddefinixxa formati u rekwiżiti speċifiċi.

Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ dwar l-SMEs żvela li anki meta jkunu akkwistaw is-software/servizz rispettiv, kumpanija taħsad bis-sħiħ il-benefiċċji tal-investiment tagħha meta tkun tista' tagħmel profitt mill-effetti tan-network u tuża fatturazzjoni elettronika mas-sħab kummerċjali kollha tagħha, li huwa 'l bogħod milli jkun il-każ. Barra minn hekk, il-kumpaniji indikaw li huma jimmassimizzaw il-benefiċċji tagħhom, anki f'termini ta' simplifikazzjoni jew razzjonalizzazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, jekk ikunu jistgħu jużaw l-e-fatturazzjoni għal aktar applikazzjonijiet, hekk kif ir-rapportar tal-VAT introdott mill-proposti leġiżlattivi kurrenti ta' ViDA jew li jissodisfaw l-obbligi amministrattivi tagħhom bħad-dikjarazzjoni doganali, ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, u meta jintegraw proċessi oħrajn bħal ordnijiet elettroniċi u pariri dwar id-dispaċċ.

L-adozzjoni bil-massa tal-e-fatturazzjoni tippermetti kemm li jitbaxxew it-tariffi għas-servizzi ta' e-fatturazzjoni, billi toħloq kompetizzjoni bejn il-bosta fornituri ta' servizzi u soluzzjonijiet f'kull Stat Membru, kif ukoll li jiġu massimizzati l-benefiċċji mill-użu tal-e-fatturazzjoni b'mod awtomatiku u għal aktar applikazzjonijiet.

Fir-rigward tal-objettiv operazzjonali li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku, dan inkiseb b'żewġ modi. L-ewwel nett, id-Direttiva ħolqot il-kundizzjonijiet direttament billi imponiet obbligu fuq l-awtoritajiet pubbliċi li jew ħolqu sistemi jew adattaw is-sistemi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċettaw l-Istandard Ewropew u, għalhekk, jgħammru lilhom infushom bil-kapaċitajiet għal e-fatturazzjoni interoperabbli. Minkejja l-impatt pożittiv, għad hemm sfidi. L-implimentazzjoni differenti tal-istandard Ewropew fil-pjattaformi nazzjonali tal-e-fatturazzjoni wasslet għal kwistjonijiet ta' kompatibbiltà, li huma aggravati minn nuqqas ta' interoperabbiltà fil-livell tat-trażmissjoni. Għad hemm sfida importanti f'ċerti Stati Membri b'rabta mal-fatt li hemm aktar minn pjattaforma nazzjonali waħda għall-e-fatturazzjoni awtorizzati mill-gvern (pjattaforma għall-B2G u oħra għall-B2B). Il-monitoraġġ tal-iżviluppi tekniċi u l-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni fil-livell tal-UE jippreżentaw ukoll sfidi minħabba l-eteroġeneità tal-proċeduri u tar-rekwiżiti madwar l-Istati Membri tal-UE u n-nuqqas ta' obbligu ta' monitoraġġ għall-Istati Membri.

It-tieni, minn mindu ġiet adottata, id-Direttiva ffaċilitat u tat spinta lill-użu tal-Peppol bħala soluzzjoni interoperabbli teknika u network għall-e-fatturazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE. Peppol jintuża fi 23 Stat Membru bi speċifikazzjonijiet komuni, ftehimiet legali u mudell ta' governanza.

Meta wieħed iħares lejn l-impatt tad-Direttiva fuq il-partijiet ikkonċernati, jidher li l-kategoriji differenti ta' partijiet ikkonċernati ġarrbu tipi differenti ta' kostijiet; l-awtoritajiet nazzjonali, l-operaturi ekonomiċi - li fosthom il-fornituri tas-servizzi u s-soluzzjonijiet, l-SMEs jew il-korporazzjonijiet il-kbar ġew indirizzati separatament. Madankollu, l-affidabbiltà tas-sejbiet hija kontinġenti fuq id-disponibbiltà limitata tad-*data*. L-analiżi tal-effiċjenza tad-Direttiva ppreżentat diversi limitazzjonijiet relatati man-nuqqas ta' disponibbiltà tad-*data*. Billi ma

hemm l-ebda obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw dwar it-tranżazzjonijiet tal-e-fatturazzjoni, ftit awtoritajiet nazzjonali biss ipprovdew informazzjoni dettaljata, u saħansitra inqas fil-livell transfruntier. B'hekk, l-evalwazzjoni tistrieħ primarjament fuq id-*data* rrapportata mill-partijiet ikkonċernati u d-*data* ppubblikata fuq il-portali tal-awtoritajiet nazzjonali.

Fir-rigward tal-effiċjenza għall-awtoritajiet pubbliċi, l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji turi sitwazzjoni varjata ħafna minn Stat Membru għal ieħor. Il-benefiċċji jinkludu effiċjenzi operattivi, trasparenza mtejba u benefiċċji ambjentali. L-awtomatizzazzjoni tal-proċess hija pperċepita bħala l-ixprunatur ewlieni, segwit mill-użu tal-istandard komuni, ipproċessar aktar mgħaġġel u inqas kumplessità.

Il-kostijiet assoċjati mal-implimentazzjoni tal-obbligu tad-Direttiva li l-awtoritajiet kontraenti jirċievu u jipproċessaw e-fatturi konformi mal-istandard Ewropew jiddependu fil-biċċa l-kbira mil-livell ta' maturità tal-IT tas-settur pubbliku: aktar ma tkun għolja l-maturità diġitali, aktar ikunu baxxi l-kostijiet, kif żvelat mill-konsultazzjoni mmirata tal-awtoritajiet nazzjonali. Il-kostijiet marbuta speċifikament mal-implimentazzjoni tal-istandard Ewropew ivarjaw skont l-eżistenza ta' standard nazzjonali jew speċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżit li tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, iżda l-ogħla kostijiet huma relatati mal-istabbiliment u l-manutenzjoni tal-infrastruttura nazzjonali tal-e-fatturazzjoni.

Sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mid-Direttiva, xi Stati Membri kellhom joħolqu sistemi ġodda, f'ċerti każijiet sistemi ċentrali nazzjonali, għall-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku, filwaqt li jiżguraw li l-implimentazzjoni tkun koperta bis-sħiħ fil-livell ċentrali. Fl-istess ħin, huma bnew is-sistemi tagħhom sabiex jappoġġaw l-istandard Ewropew. Stati Membri oħrajn, dawk li l-livell ta' maturità tal-IT tagħhom kien ogħla, jew li kellhom sistema għall-e-fatturazzjoni fis-seħħ, kellhom jimmodifikaw is-sistema/i tagħhom sabiex jiżguraw li jkunu jistgħu jaċċettaw fatturi elettroniċi konformi mal-istandard Ewropew. Dan seħħ jew fis-sistema tal-livell ċentrali jew fl-istrutturi deċentralizzati; is-soluzzjonijiet kollha tal-e-fatturazzjoni għall-akkwist pubbliku kellhom jiġu adattati.

Il-kostijiet għall-allinjament mal-istandard Ewropew varjaw skont jekk diġà jeżistix standard nazzjonali, minħabba li kien meħtieġ li jiġi adattat biex jikkonforma mal-istandard Ewropew. Disa' Stati Membri ġarrbu kostijiet biex jiżguraw il-konformità tal-formati nazzjonali eżistenti tagħhom mal-istandard Ewropew, u tlieta minnhom (l-Iżvezja, il-Finlandja u l-Estonja) għażlu li jissostitwixxu kompletament il-formati ta' legat tagħhom bl-istandard Ewropew. Il-kostijiet assoċjati mal-iżgurar tal-konformità tal-format nazzjonali mal-istandard Ewropew ivarjaw għal kull Stat Membru, li jvarjaw minn EUR 250 000 fil-Finlandja għal madwar EUR 1,5 miljun fil-Polonja u EUR 2,5 miljun fl-Italja (iffinanzjati sa ċertu punt, fil-każijiet kollha, permezz ta' proġetti ta' e-fatturazzjoni tat-Telekomunikazzjoni tal-FNE).

Kif imsemmi hawn fuq, l-aktar kostijiet sinifikanti huma relatati mal-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' infrastruttura nazzjonali tal-e-fatturazzjoni, li tinvolvi prinċipalment l-ispejjeż tas-software u tal-hardware, il-kostijiet tal-ittestjar, il-kostijiet tat-taħriġ u l-kostijiet amministrattivi, li jinkludu: analiżi legali u tas-soluzzjoni, pubbliċità, gwidi għall-utenti, appoġġ, sigurtà, awditjar, eċċ.

Il-finanzjament tal-FNE, permezz tal-mekkaniżmu ta' għotjiet ġestit mill-UE, ippermetta lill-Istati Membri jkopru l-kostijiet tagħhom parzjalment. Erbgħa u għoxrin Stat Membru rċevew baġit ta' 28,9 miljun għal aktar minn 40 proġett matul il-programm tat-telekomunikazzjoni tal-FNE 2015-2020. Dawn il-proġetti appoġġaw il-ħolqien ta' sistema ċentrali jew l-adattament

għall-istandard Ewropew.

Fir-rigward tal-analiżi tal-effiċjenza għall-operaturi ekonomiċi, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati lejn l-SMEs juru li l-kostijiet ivarjaw skont il-pakkett tas-servizzi ta' e-fatturi li għażlu u l-volumi ta' e-fatturi mmaniġġati: 97 % tal-SMEs mistħarrġa xtraw pakketti ta' e-fatturi b'kostijiet annwali fissi, filwaqt li 3 % tal-SMEs xtraw pakketti ta' e-fatturi b'kostijiet fissi u tariffi varjabbli skont il-volumi tat-tranżazzjonijiet. Għall-kumpaniji, aktar ma jkun baxx in-numru ta' fatturi, aktar ikunu għoljin il-kostijiet.

Pakketti bla ħlas għall-SMEs b'funzjonalitajiet bażiċi ta' e-fatturazzjoni huma disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri analizzati. Disa' Stati Membri jipprovdu sistema ċentrali bla ħlas biex jintbagħtu l-e-fatturi direttament lill-korpi pubbliċi.

Madankollu, skont SMEUnited, li wieġeb għall-konsultazzjoni mmirata, hemm diffikultajiet għall-SMEs inerenti għad-daqs tagħhom u nuqqas ta' għarfien espert dwar is-suġġett. Għalhekk, dawn il-partijiet ikkonċernati jappellaw li l-iskjerament tal-obbligu ta' e-fatturazzjoni jeħtieġ li jkun gradwali sabiex l-obbligi jkunu jistgħu jiġu ssodisfati fl-aħjar kundizzjonijiet. Billi l-e-fatturazzjoni titqies li hija pjuttost għalja għall-SMEs, dawn jeħtieġu ż-żmien biex jadattaw is-sistema kontabilistika tagħhom.

Il-korporazzjonijiet multinazzjonali mistħarrġa fil-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati li fuqha hija bbażata l-evalwazzjoni tad-Direttiva rrapportaw kostijiet ta' twaqqif għoljin b'mod sinifikanti għall-istabbiliment tal-e-fatturazzjoni fi Stati Membri differenti tal-UE kemm għall-B2G kif ukoll għall-B2B. Dawn il-kostijiet huma korrelatati mal-ħtieġa li jintużaw fornituri tas-servizzi differenti biex ikopru rekwiżiti nazzjonali speċifiċi. Il-kostijiet rikorrenti jvarjaw b'mod konsiderevoli.

Il-benefiċċji kwantitattivi mill-awtomatizzazzjoni tal-proċess tal-fatturazzjoni huma stmati għal madwar EUR 5,28 għal kull e-fattura maħruġa u EUR 8,4 għal kull e-fattura riċevuta, meta jitqies il-kost tax-xogħol fis-siegħa għal EUR 46[26]. Barra minn hekk, jinkiseb iffrankar akbar meta jiġi awtomatizzat iċ-ċiklu kollu ta' ordni għal ħlas, inklużi l-ordnijiet, id-dokumenti tat-trasport, il-fatturi u l-avviżi tal-ħlas. L-awtomatizzazzjoni ta' dawn il-proċessi tippermetti skambju elettroniku konsistenti tad-dokumenti u tippermetti rikonċiljazzjoni awtomatizzata, li tirriżulta f'benefiċċji stmati bejn EUR 25 u EUR 65 għal kull ċiklu ta' xiri għal ħlas[27].

### Koerenza ma' politiki oħrajn tal-UE u l-valur miżjud tal-UE

Sabiex tappoġġa l-ħolqien tas-Suq Uniku Diġitali għall-e-fatturazzjoni, id-Direttiva kellha bżonn tkun koerenti mal-politiki l-oħrajn kollha tal-UE, prinċipalment dawk li jimmiraw lejn id-diġitalizzazzjoni. Il-koerenza tad-Direttiva ġiet evalwata fuq żewġ livelli ewlenin: il-koerenza interna u esterna. Il-koerenza interna teżamina kif il-komponenti differenti tal-intervent tal-UE jaħdmu flimkien, filwaqt li taħt koerenza esterna, l-analiżi tħares lejn kif id-Direttiva hija allinjata ma' ftit inizjattivi ta' politika tal-UE, leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi: Id-

[26] European Commission, Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs, Ciciriello, C., Gray, E., Preparatory study on the effects of the Directive 2014/55/EU on electronic invoicing in public procurement, Publications Office of the European Union, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2873/27631

[27] https://www.corrierecomunicazioni.it/digital-economy/polimi-da-fattura-elettronica-risparmi-per-3-miliardi/

Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku tal-2014[28], id-Direttiva dwar il-Ħlas Tard[29] u l-proposta tal-2023 għal Regolament li jħassar id-Direttiva kurrenti dwar il-Ħlas Tard[30], il-proposti leġiżlattivi tal-2022 dwar Il-VAT fl-Era Diġitali (ViDA), il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF)[31], l-Element Kostitwenti ta' e-fatturazzjoni u eDelivery tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)[32] u l-ħidma politika tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni globali tal-e-fatturazzjoni u l-promozzjoni tal-mudell tal-UE.

Għall-koerenza interna, id-Direttiva hija koerenti mal-ħidma sussegwenti fuq l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni hekk kif ir-rekwiżiti kollha tad-Direttiva ġew issodisfati. L-ewwel, id-Direttiva talbet il-ħolqien ta' standard Ewropew għall-mudell tad-*data* semantika ta' elementi ewlenin f'fattura elettronika u elenkat lista ta' elementi mandatorji li għandhom jiġu inklużi. It-tieni, hija kienet teħtieġ għadd limitat ta' sintassi u żewġ sintassi biss ġew identifikati mis-CEN u ppubblikati fl-2017 flimkien mal-istandard. Barra minn hekk, inħolqu linji gwida mhux vinkolanti għat-trażmissjoni tal-e-fatturazzjoni flimkien mal-istandard Ewropew biex tiġi żgurata aktar interoperabbiltà. Dawn ir-rekwiżiti kienu riflessi b'suċċess fir-riżultati tanġibbli tas-CEN, u dan ikkonferma l-koerenza bejn l-objettivi leġiżlattivi u l-iżvilupp standard. Barra minn hekk, hija żgurata wkoll il-konsistenza mal-ħidma ta' standardizzazzjoni li s-CEN TC434 qed iwettaq fir-rigward tal-irċevuta elettronika. Fir-rigward tal-istabbiliment u l-ħidma tal-Forum Ewropew tad-Diversi Partijiet Interessati dwar il-Fatturazzjoni Elettronika (EMSFEI) biex jappoġġa l-ħidma politika tal-UE dwar l-e-fatturazzjoni, bejn l-2014 u l-2020, ir-riżultati tanġibbli kollha tal-EMSFEI ikkomplementaw u appoġġaw l-implimentazzjoni tal-istandard Ewropew, filwaqt li indirizzaw sfidi potenzjali tal-interoperabbiltà.

F'termini ta' koerenza esterna, id-Direttiva hija allinjata sewwa ma' diversi politiki tal-UE li jippromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u attivitajiet relatati. Id-Direttiva hija allinjata mad-Direttivi tal-2014 dwar l-Akkwist Pubbliku, billi hija parti integrata mill-pakkett leġiżlattiv biex jintlaħaq l-istess objettiv tad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika b'mod armonizzat, u hija allinjata wkoll mal-objettivi tal-istandardizzazzjoni tal-akkwist pubbliku.

Hemm rabta qawwija bejn id-Direttiva u l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni tal-2022 Il-VAT fl-Era Diġitali (ViDA)[33] fir-rigward tar-rwol tal-e-fatturazzjoni. Il-proposta għandha l-għan li timmodernizza s-sistema tal-VAT tal-UE, tindirizza l-isfidi relatati mal-ekonomija tal-pjattaformi u tintroduċi reġistrazzjoni unika tal-VAT biex jiġu evitati reġistrazzjonijiet multipli fl-UE. Barra minn hekk, hija se timplimenta sistema ta' rapportar għall-VAT għat-tranżazzjonijiet transfruntiera tal-UE, li se tkun ibbażata fuq l-e-fatturazzjoni u fuq l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, filwaqt li tirrikjedi li l-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu sistema ta' rapportar tal-VAT għat-tranżazzjonijiet domestiċi jibbażaw ukoll fuq l-e-

[28] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE
Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni Test b'relevanza għaż-ŻEE
Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE
Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE
[29] Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1–10.
[30] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali.https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:52023PC0533(01)
[31] https://ec.europa.eu/isa2/eif_en/
[32] https://joinup.ec.europa.eu/collection/digital-building-blocks/solution/edelivery/about
[33] COM/2022/701 final, Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, 8.12.2022. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2022%3A701%3AFIN

fatturazzjoni. Bħala parti mill-proposta, l-e-fatturazzjoni hija mistennija li ssir il-metodu ta' fatturazzjoni prestabbilit sa Jannar 2028.

Il-koerenza bejn id-Direttiva u ViDA hija żgurata bl-abbozzi ta' proposti leġiżlattivi kurrenti, li madankollu huma soġġetti għal evoluzzjoni matul il-proċess tal-adozzjoni. Il-proposti tal-ViDA huma opportunità biex jiġi żgurat l-allinjament mad-definizzjoni tal-UE ta' fatturazzjoni elettronika fil-leġiżlazzjoni dwar il-VAT u fid-Direttiva. Id-definizzjoni l-ġdida tal-ViDA ta' fatturazzjoni elettronika hija konsistenti ma' dik inkluża fid-Direttiva. Dan l-allinjament jiżgura l-koerenza bejn diversi politiki tal-UE u jiffaċilita l-implimentazzjoni bla xkiel tal-inizjattivi tal-e-fatturazzjoni fl-UE.

Barra minn hekk, id-Direttiva tiffoka speċifikament fuq l-e-fatturazzjoni B2G u tallinja fil-linji ewlenin kurrenti tagħha mal-proposta tal-ViDA, li timmira lejn l-e-fatturazzjoni B2B. Fl-aħħar mill-aħħar, il-proposti tal-ViDA jikkomplementaw id-Direttiva dwar l-e-fatturazzjoni, speċjalment fl-iżgurar tal-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà fl-e-fatturazzjoni transfruntiera fit-tranżazzjonijiet B2G u B2B, li jippermettu t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, u jrawmu l-konverġenza lejn l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, kif enfasizzat ukoll fil-Pjan Kontinwu għall-istandardizzazzjoni tal-ICT tal-2023[34].

L-implimentazzjoni tal-e-fatturazzjoni u tad-Direttiva hija koerenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva riveduta dwar il-Ħlas Tard u l-proposta tal-2023 għal Regolament li jħassar id-Direttiva kurrenti dwar il-Ħlas Tard, minħabba li tawtomatizza l-proċess ta' approvazzjoni għall-e-fatturi, tissimplifika l-proċeduri tal-ħlas u tiżgura pagamenti f'waqthom.

Fir-rigward tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF), id-Direttiva dwar l-e-fatturazzjoni tindirizza b'mod effettiv l-interoperabbiltà kemm fis-saff semantiku kif ukoll f'dak tas-sintassi, kif jipprevedi l-EIF. Madankollu, hija ma indirizzatx l-erba' saffi kollha ta' interoperabbiltà, inklużi t-trażmissjoni u l-governanza, li kienu jiffaċilitaw aktar l-interoperabbiltà.

L-Element Kostitwenti tal-eDelivery ġie żviluppat b'mod parallel u konsistenti mal-pakkett ta' servizzi tal-Element Kostitwenti tal-e-fatturazzjoni taħt l-FNE. Filwaqt li l-Element Kostitwenti tal-e-fatturazzjoni pprovda għodod essenzjali biex jiġu ffaċilitati u vvalidati l-implimentazzjonijiet konformi tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni fis-sistemi u s-servizzi tal-IT, l-Element Kostitwenti tal-eDelivery ipprovda speċifikazzjonijiet u standards tekniċi, software li jista' jiġi installat, u servizzi anċillari biex jinħoloq network ta' nodi għall-iskambju ta' e-fatturi, kif ukoll skambji siguri oħrajn ta' *data* diġitali. Xi soluzzjonijiet ta' e-fatturazzjoni użaw l-eDelivery bħala metodu ta' trażmissjoni.

Barra minn hekk, l-attivitajiet kurrenti mwettqa mill-Kummissjoni mas-sħab internazzjonali tagħha huma koerenti mad-Direttiva, kemm fin-negozjati formali kif ukoll matul id-djalogi bilaterali. Il-mudell tal-UE PINT (ibbażat fuq Peppol) ġie adottat f'diversi pajjiżi barra mill-UE, inklużi l-Awstralja, il-Ġappun, il-Malażja, New Zealand u Singapore. Fir-rigward tal-Istati Uniti, l-oqfsa ta' skambju tal-e-fatturazzjoni fl-UE u fl-Istati Uniti għandhom grad konsiderevoli ta' kompatibbiltà. Il-profili tal-Istati Uniti tal-e-fatturi ġew immudellati wara l-istandard Ewropew apposta biex jiżguraw grad għoli ta' allinjament biex tiġi appoġġata l-interoperabbiltà, filwaqt li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-suq tan-negozju tal-Istati Uniti. Bl-istess mod, it-Tajwan u l-UE bdew djalogu regolatorju dwar l-e-fatturazzjoni f'Lulju 2023.

Fl-aħħar nett, id-Direttiva tallinja mal-politika ġenerali Ewropea dwar l-istandardizzazzjoni billi tappoġġa l-iżvilupp u ż-żamma tal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni, iffinanzjat mill-

[34] e-Invoicing (RP2023) | Joinup (europa.eu)

Kummissjoni.

Fir-rigward tal-valur miżjud tal-UE, hemm kunsens wiesa' fost l-Istati Membri tal-UE li d-Direttiva tejbet il-funzjonament tas-Suq Intern mill-adozzjoni tagħha fl-2014.

Mill-perspettiva tal-awtoritajiet nazzjonali, il-kontribut ewlieni tal-UE jikkonsisti fit-tnaqqis tal-ostakli fl-akkwist pubbliku transfruntier, billi jiġi limitat il-ħolqien ta' diversi standards nazzjonali tal-e-fatturazzjoni. Id-Direttiva kienet tirrikjedi li l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropea kollha jirċievu u jipproċessaw l-e-fatturi maħruġa taħt kuntratti soġġetti għad-direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku, sakemm ikunu konformi mal-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni. Din l-azzjoni indotta mid-Direttiva mhux biss ippreveniet il-frammentazzjoni tas-suq intern, iżda wkoll rawmet l-interoperabbiltà tal-e-fatturazzjoni fl-UE kollha.

Lil hinn mill-impatt immedjat tagħha fl-isfera tal-akkwist pubbliku, id-Direttiva kellha rwol kruċjali fil-promozzjoni ta' aktar armonizzazzjoni tas-soluzzjonijiet u l-istrutturi tal-e-fatturazzjoni fil-kuntest B2B. Billi stabbiliet pedament komuni għall-istandards u l-prattiki tal-e-fatturazzjoni fl-UE, id-Direttiva ħeġġet l-iżviluppi fil-B2B, fejn l-istandard tal-UE se jerġa' jintuża taħt il-proposti tal-ViDA. Għal dan il-għan, l-istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni huwa mistenni li jevolvi biex ikopri l-każijiet kollha ta' użu u jissodisfa l-ħtiġijiet ta' setturi speċifiċi. Il-Kumitat Tekniku tas-CEN TC434 huwa responsabbli biex jiżgura li l-istandard Ewropew ikun adegwat għall-użu tiegħu sa tmiem l-2024.

Fl-aħħar nett, id-Direttiva titqies li ġġenerat valur miżjud internazzjonali billi tippromwovi l-interoperabbiltà globali. Dan jintwera mill-adozzjoni tal-Qafas għall-Interoperabbiltà tal-Peppol barra mill-UE, inkluż f'pajjiżi bħall-Awstralja, il-Ġappun, il-Malażja, New Zealand u Singapore, li jestendu aktar l-impatti pożittivi tad-Direttiva.

## KONKLUŻJONIJIET

Skont id-Direttiva, saru kisbiet sinifikanti lejn it-tneħħija tal-ostakli għas-Suq Intern u tal-ostakli għall-kummerċ li jirriżultaw mill-eżistenza ta' regoli u standards nazzjonali differenti tal-e-fatturazzjoni.

Għal din ir-raġuni, l-impatt tad-Direttiva ġie vvalutat bħala pożittiv meta jitqiesu l-effetti tagħha f'termini ta' interoperabbiltà transfruntiera u l-użu tal-e-fatturazzjoni fl-akkwist pubbliku. L-impatt ewlieni mistenni tad-Direttiva - l-interoperabbiltà - ittejjeb, minħabba li l-e-fatturi konformi mal-Istandard Ewropew tal-e-fatturazzjoni jeħtieġ li jiġu aċċettati mix-xerrejja pubbliċi kollha. Dan, min-naħa tiegħu, wassal għat-tieni effett mistenni tagħha, jiġifieri żieda fl-użu tal-e-fatturazzjoni.

L-intervent tal-UE fl-e-fatturazzjoni għall-akkwist pubbliku appoġġa l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà bejn ir-rekwiżiti u l-istandards tekniċi, filwaqt li pprevjena aktar frammentazzjoni fis-Suq Intern. L-interoperabbiltà nkisbet fil-livell semantiku u f'dak tas-sintassi permezz tal-ħolqien ta' Standard Ewropew tal-e-fatturazzjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri wriet li l-indirizzar tal-interoperabbiltà fil-livell tat-trażmissjoni huwa element kritiku għall-interoperabbiltà sħiħa.

Iż-żieda fl-użu tal-e-fatturazzjoni fl-Ewropa kienet it-tieni impatt mistenni tad-Direttiva. Id-disponibbiltà ta' standard Ewropew u l-obbligu li jiġu aċċettati e-fatturi konformi fuq l-awtoritajiet pubbliċi kienu mistennija li jżidu b'mod sinifikanti l-użu tal-e-fatturazzjoni, madankollu skont id-deċiżjonijiet kummerċjali. Għall-akkwist pubbliku, is-sejbiet urew li 100

% tal-adozzjoni tal-e-fatturazzjoni tinkiseb (jew għandha tinkiseb) biss fl-Istati Membri li awtorizzaw l-e-fatturazzjoni B2G lill-fornituri tagħhom jew fi Stati Membri diġitalment maturi. L-użu tal-e-fatturazzjoni b'mod ġenerali żdied, iżda għadu ma jirrappreżentax il-maġġoranza tat-tranżazzjonijiet.

B'mod ġenerali, id-Direttiva dwar l-e-fatturazzjoni pprovdiet valur sinifikanti fil-livell tal-UE, iżda għadhom jeżistu sfidi. Għalhekk, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi stimulat l-użu tal-e-fatturazzjoni fl-UE, u biex titrawwem l-interoperabbiltà.